Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Appell Kriminali Numru. 460/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Edmond Cuschieri)**
**Vs**
**Haden Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer wara li t-Tribunal ghall-Konsumatur hareg decizjoni fil-konfront tieghu nhar is-16 ta’ Lulju, 2008, minkejja li ghaddew aktar minn tlett xhur minn meta tali decizjoni ghaddiet f’gudikat, huwa naqas li jaderixxi ruhu ma’ l-imsemmija decizjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
tal-25 ta’ Novembru, 2009, li biha, peress li l-akkuza kif dedotta ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-Ligi, lliberat lill-appellat mill-istess akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellant li huwa s-segwenti :-
Illi l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fin-nuqqas tax-xiehda ta' Adriana Mifsud f'kuntest fejn l-ufficjal prosekutur ma rrinunzjax ghal tali xiehda taghha li kienet indispensabbli ghall-kaz tal-prosekuzzjoni. B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ggib prova indispensabbli biex issahhah l-akkuza taghha gie mittiefes.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-Avukat Generali qed jilmenta mill-fatt li l-Ewwel Qorti ma ippermettietx lix-xhud Adriana Mifsud, li kienet il-parti leza bl-inadempjenza allegata tal-appellat, milli tixhed ghax kienet prezenti fl-Awla. B' hekk, il-prosekuzzjoni argumentat li giet imcahhda minn xhud importanti fil-kaz.

Illi kif jirrizulta mill-verbal tal-udjenza tal-25 ta' Novembru, 2009, quddiem l-Ewwel Qorti, (fol. 14), wara li kienet giet moqrija l-akkuza, xehdet Josephine Borg li esebiet sentenza (Dok. JB1) u ittri li gew markati bhala Dok JB2. Umbaghad gie verbalizzat hekk:-

*"Id-Difiza toggezzjona li Adrian Mifsud* [recte: Adriana Camilleri] *jixhed* [recte: tixhed] *stante li kien* [recte: kienet] *fl-awla."*

*"Il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni sollevata mid-Difiza."*

*“Il-Prosekuzzjoni tiddikjara li m’ghandhiex iktar provi xi tressaq.”*

*“L-imputat jaghzel li ma jixhidx u jiddikjara li m’ghandux provi.”*

*“Il-kawza giet deciza.”*

Ikkonsidrat;

Issa ghalkemm, kif korrettement jargumenta l-Avukat Generali, l-artikolu 591 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, rez applikabbli ghall-Qrati ta’ gustizzja Kriminali permezz tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 444 tal-istess Kodici, rez applikabbli ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz tal-artikolu 525 (1) (b), jipprovdu li anki meta xhud jinzerta jkun prezenti fl-awla, x-xiehda tieghu xorta tkun tista’ tittiehed f’ certi cirkostanzi, w ghalkemm din il-Qorti kienet tkun propensa li tikkonsidra li f’ dan il-kaz tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-Ewwel Qorti meta ma hallietx lil din ix-xhud tiddeponi, hemm fattur li gie traskurat ghal kollox mill-appellant.

Dan kien li minnflok ma ivverbalizzza li l-Prosekuzzjoni kienet qed tinsisti li din ix-xhud tixhed, nonostante l-prezenza taghha fl-awla, l-ufficjal prosekutur ghadda biex ddikjara li l-prosekuzzjoni ma kellhiex aktar provi xi tressaq, bla ma vverbalizza ebda rizerva jew insistenza biex ix-xhud tithalla tixhed.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **“Il-Pulizija vs.Joseph Mohnani”** [28.4.1993] : *“Din il-Qorti ma tistax thares b’leggereza ghall-verbali ta’ Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball.”*

Ikkonsidrat;

Li fl-Appell Krminali : **“Il-Pulizija vs. Anne Montfort”** [30.9.2004], fejn kien kaz li mil-verbal tas-seduta mhux

talli ma kienx jidher li l-Prosekuzzjoni insistiet ghal produzzjoni ta' xhud taghha , izda addirittura gie verbalizzat li l-Ufficjal Prosekutur kien iddikjara li ma kellux aktar provi x' jipproduci, kien gie ritenut li :-

*"….. tali dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur timporta rinunzja da parti tal-prosekuzzjoni ghall-produzzjoni tax-xhieda minnha ndikati ……..u ghalhekk ma tistax issa tilmenta fl-istadju tal-appell li giet impeduta milli tipproduci xhieda. Kuntrarjament,…… hawn kien hawn rinunzja ghax ladarba l-ufficjal prosekutur kien qed jiddikjara li ma fadallux provi ohra, hekk biss tista' tigi interpretata tali dikjarazzjoni minghajr tigbid zejjed tal-immaginazzjoni, biex jigi salvat dak li mhux salvabbli."*

Ghall-istess ragunijiet u fid-dawl ta' dak fuq espost, din il-Qorti ghalhekk qed tichad l-appell ta' l-Avukat Generali w tikkonferma s-sentenza appellata **.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------